maltarightnow.com

# Mitt sena għall-Imqabbin

*8/11/2010 10:20:09 AM*
*Awtur: maltarightnow.com*




Is-Soċjeta' Santa Marija tal-Imqabba qed tfakkar il-mitt anniversarju mit-twaqqif tagħha.

It-Tlieta filgħaxija sar programm vokali u strumentali fil-pjazza tar-raħal, u għall-okkazzjoni inkixfet lapida mill-Prim Ministru Lawrence Gonzi.

Is-Soċjeta' Santa Marija tal-Imqabba twaqqfet fl-1910 bl-isem 'King George V' għar-Re li kien għadu kemm tela' fit-tron f'Mejju ta' dik is-sena. Is-Soċjeta' twaqqfet biex tiċċlebra l-Festa ta' Santa Marija, Patruna tal-Imqabba, u biex ixxerred it-tgħalim tal-mużika.

Il-Prim Ministru u l-President tas-Soċjeta' fakkru kif dan il-każin kiseb diversi unuri mhux biss għall-Imqabbin kollha imma wkoll għall-pajjiż. Is-Soċjeta' rebħet premju tal-Unjoni Ewropea għall-ġemellaġġ li għamlet ma' banda Taljana, rebħet l-ewwel kampjonat Malti tal-logħob tan-nar fil-Port il-Kbir, rebħet il-kompetizzjoni nazzjonali tal-logħob tan-nar tal-art fil-Furjana din is-sena stess, u rebħet il-kampjonat dinji tal-logħob tan-nar f'Ruma - bit-titlu 'Caput Lucis'.

Il-Banda King George V fil-kunċert kienet immexxija mis-Surmast David Agius. Preżenti kien hemm ukoll is-Sindku tal-Imqabba Noel Galea u l-kapillan tal-parroċċa Dun Nazzaren Caruana.

© 2004 - Media.Link Communications Co. Ltd - www.maltarightnow.com